MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Numru. 788/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frans Micallef]**

**vs**

**Steve Spiteri**

**Kumpilazzjoni Numru: 788/2007**

Illum, 30 ta’ Gunju, 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Steve Spiteri ta’ 31 sena, iben Gaetano u Rita nee` Pace, imwieled fit-18 ta’ Gunju 1978 u residenti Flat 7, Appartamenti l-21 ta’

Settembru 1964, Block A, Triq il-Prinjoli, Santa Lucia detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 330678M.

Akkuzat talli fis-17 ta' Jannar, 2007, ghall-habta tas-06.50hrs, f' Wesghet il-Vittmi tal-Gwerra, Hal Luqa, saq vettura Numru ICE-576 u b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Keith Bartolo, skond kif iccertifika Dr. Jonathan Joslin M.D. tal-isptar San Luqa.

Il-Prosekuzjoni talbet li jigi skwalifikat minn licenzji kollha tas-sewqan.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Rat l-artikoli 225 u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident stradali bejn zewg vetturi wahda ta' tip Opel Astra b'numru ta' registrazzjoni ICE 576 misjuqa mill-imputat u l-ohra ta' tip Maruti b'numru ta' registrazzjoni DAI 284 misjuqa minn Keith Bartolo.

Illi mill-atti jirrizulta li l-incident sehh f' Wesghet il-Vittmi tal-Gwerra Hal-Luqa nhar is-17 ta' Jannar 2007. Dak in-nhar Keith Bartolo kien hiereg minn Hal-Luqa minn Triq Sant'Andrija fil-waqt li l-imputat kien hiereg minn Triq Guzeppi Ellul, biex jaqsam ghat-Triq il-Mithna ta' Caraffa.

Illi tenut kont tal-konfigurazzjoni tat-toroq fil-post fejn sehh l-incident u tal-mod kif jinkrocjaw dawn it-toroq mal-

wesgha in kwistjoni huwa evidenti li vetturi gejjin minn Triq Sant'Andrija ghandhom il-precedenza fuq vetturi gejjin minn Triq Giuzeppi Ellul partikolarment meta vettura gejja minn Triq Giuzeppi Portelli trid taqsam il-wesgha biex tibqa sejra fi Triq il-Mithna ta' Caraffa. Dan tista tghid huwa indirettament ammess mill-imputat ghaliex kemm meta ta l-verzjoni tieghu lill-pulizija li mar fuq il-post ta'l-incident kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti huwa qal li vettura ohra li kienet gejja mill-istess direzzjoni u mill-istess triq li kienet gejja l-vettura ta' Bartolo "cedietlu". Kieku l-imputat kellu precedenza fuqha din il-vettura ma kelliex ghalfejn "iccedielu".

Illi in oltre jirrizulta ukoll li l-incident sehh fil-parti t'isfel tal-wesgha u cioe aktar vicin tat-Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, meta Bonnici kien diga lahaq saq kwazi t-tul kollu tal-wesgha in kwistjoni u anke ghadda l-parti fejn Triq Giuseppi Portelli tizbokka fil-wesgha, tant li l-hsara fil-vettura misjuqa minn Bonnici kienet fil-mudguard u l-bumper man-naha tal-lemin[1] fil-waqt li l-hsara fil-vettura ta'l-imputat kienet fil-bumper ta' quddiem.

Illi tenut kont tal-konfigurazzjoni tat-toroq in kwistjoni l-imputat kellu jezercita 'l hekk imsejjha proper look out qabel ma johroq minn Triq Giuzeppi Portelli biex jaqsam Wesghat il-Vittmi tal-Gwerra biex jassigura ruhu li ma kenux gejjin vetturi ohra li kellhom precedenza, haga li huwa m'ghamilx. In oltre anke jekk verament kien hemm vettura li "cedietlu" huwa ma setghax jassumi li l-vetturi l-ohra li kien hemm kienu ser icedulu ukoll.

Illi dwar il-griehi sofferti, mhux biss mic-certifikat esebiet u minn dak li setghet tikkonstata l-Qorti, imma anke mid-depozizzjoni tat-tabib Dr Jonathan Joslin jirrizulta li bhala konsegwenza ta' dan l-incident Bartolo sofra sfregju permanenti.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija konvinta li l-imputat huwa responsabbli ghall-incident mertu ta' dawn il-

[1] Din il-vettura kellha hsara ukoll fil-parti ta' quddiem imma din kienet rizultat ta'l-impatt mal-bankina li sehh bhala rizultat ta'l-impatt mal-vettura ta'l-imputat.

proceduri u li konsegwentement huwa ghandu jirrispondi ghall-griehi li soffra Bartolo.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat n-natura tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati u li mill-fedina penali ta'l-imputat jirrizulta li huwa ghandu kundanna wahda li hija relatata ma eccess ta' alcohol fin-nifs meta kien qed isuq. Hadet in konsiderazzjoni ukoll in-natura tal-griehi sofferti mill-parte leza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-atikoli 225 u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elf Euro (Euro1,000) u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 ta'l-istess Kap 9 qed tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' gimghatejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------